MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 963/2008/1

**JF Security & Consultancy Services Limited; Alberta Projects Limited; u Robert Cassar fil-kwalita` tieghu ta' stralcjarju ta' Sterling Parks Limited, it-tliet socjetajiet f'isimhom proprju u bhala membri tal-konsorzju JAS JV; u Bonnici Bros Contractors Ltd**

**v.**

**Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici; id-Direttur tal-Kuntratti; u Parksec Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Illi din id-decizjoni marbuta mal-validita` tal-appell, peress illi giet sollevata l-eccezzjoni li l-istess appell hu null ghax pprezentat *fuori termine.*

F’din il-kawza d-diversi atturi ressqu rikors guramentat konguntiv li in forza tieghu allegaw li l-ghoti ta’ tender lis-socjeta` Parsec Ltd. kien wiehed illegali u abbuziv, u kwindi talbu li jithassar il-kuntratt relattiv, li tinhareg sejha ohra ghall-offerti u jigi likwidat id-danni li garrbu b’rizultat ta’ dan l-agir.  Il-konvenuti ikkontestaw l-interess guridiku tal-atturi li jippromwovu din il-kawza, u ressqu l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ legittimazzjoni attiva.

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Gunju, 2010, iddecidiet din l-eccezzjoni fis-sens li gej:

“… … … il-qorti tilqa’ l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimazzjoni attiva safejn tolqot l-azzjoni tal-atturi *JF Security & Consultancy Services Limited*, *Alberta Projects Limited*, u *Sterling Parks Limited*, kemm f’isimhom proprju u kemm bħala membri tal-konsorzju *JAS JV*, u għalhekk teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju relativament għat-talbiet magħmula minn dawk l-atturi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;  tiċħad l-istess eċċezzjoni safejn tolqot l-azzjoni magħmula minn *Bonnici Brothers*, bl-ispejjeż kontra l-Fondazzjoni (billi *Parksec* ma ressqitx eċċezzjoni kontra l-leġittimazzjoni attiva ta’ *Bonnici Brothers*), u tordna li jitkompla s-smigħ tal-azzjoni.”

L-atturi milquta hazin b’dik id-decizjoni talbu il-permess tal-ewwel Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 231 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) ikunu jistghu jappellaw mis-“sentenza parzjali” tat-30 ta’ Gunju, 2010.  Dik il-Qorti, b’digriet moghti fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru, 2010, laqghet it-talba u tat lir-rikorrenti fakolta` li jappellaw minn dik is-sentenza.  L-appell mill-atturi (kollha hlief Bonnici Bros Contractors Ltd) tressaq fid-9 ta’ Novembru, 2010.

Il-Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici appellata eccepiet in-nullita` tal-appell peress li gie pprezentat wara z-zmien

koncess mil-ligi. Qed jigi sottomess illi filwaqt li l-Artikolu 231(1) tal-indikat Kap. 12 jghid li appell mis-sentenzi separati jista’ jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti, is-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu 231 jiddisponi illi meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi aktar minn attur wiehed jew aktar minn konvenut wiehed, sentenza li taqta’ l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista’ biss isir appell minnha fiz-zmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta’ dik is-sentenza.

Din il-Qorti, taqbel li, ghall-kaz in ezami, huwa applikabbli dan is-subartikolu (2), peress illi fil-konfront tal-konvenuti, is-sentenza appellata effettivament qatghet l-azzjoni dwar l-appellanti deffinittivament, u ghalhekk, fil-konfront taghhom, ghandha titqies finali. L-atturi appellanti ma fadlilhomx aktar interess fil-kawza, peress illi, bis-sentenza tal-ewwel Qorti, il-konvenuti kollha gew mehlusin mill-harsien tal-gudizzju relattivament ghat-talbiet maghmula minn dawk l-atturi. Kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza “<u>Pace v. Malta Football Referees Association et</u>”, deciza fis-27 ta’ Novembru, 2009, fil-kuntest ta’ sentenza moghtija fil-konfront ta’ wiehed mill-konvenuti, l-appell minn tali sentenza kellu jigi intavolat fit-terminu statutorju, altrimenti jitqies inammissibbli.
“*Il-prezentata tieghu fuori termine fil-konfront tas-sentenza tat-12 ta’ Mejju, 2009. Dan ghall-motiv illi dik l-istess sentenza ma kenetx tikkwalifika bhala wahda “preliminari” izda di fronte ghalih, bazata fuq il-kapitolu, wahda definittiva. Fuq il-punt gie spjegat minn din il-Qorti kif presjeduta illi “dan ghaliex b’dik is-sentenza krejata ghandek sitwazzjoni guridika ta’ gudikat definittiv, fil-kompletezza tieghu, u mhux biss wiehed in parte. Ghall effetti kollha taghha, is-sentenza taghmel stat bejn l-atturi u s-socjeta` kapitolata fuq l-accertament tal-mertu tat-talba, b’mod li ghas-socjeta` msejha fil-kawza kellha titqies causa finita. Biex tiskansa ruhha minn dik il-qaghda taghha, hi htiegilha tinterponi appell fit-terminu statutorju utli ghall-prezentata ta’ appelli minn sentenzi tal-ewwel Qorti, kif preskritt mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili”. Ara “Stephen Vella et –vs– Bollicine Limited et”, Appell Inferjuri, 9 ta’ Jannar, 2008.*”

Anke f'dan il-kaz, fil-kuntest tal-atturi appellanti hemm gudikat definittiv, u, ghalhekk, l-appell kellu jitressaq fit-terminu statutorju utili ghall-prezentata ta' appelli minn sentenzi tal-ewwel Qorti, u mhux hames xhur wara.

L-atturi appellanti jargumentaw, pero`, illi ladarba l-ewwel Qorti awtorizzathom jappellaw mis-sentenza taghha, l-appell ma jistax jitqies null peress li huma segwew id-direttiva tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument, peress illi l-"fakolta`" li tat il-Qorti lill-appellanti biex jappellaw ma tistax titqies li estendiet it-terminu tal-appell. L-atturi milquta bis-sentenza talbu l-permess jappellaw minnha u l-ewwel Qorti qieset li l-materja timmerita stharrig minn din il-Qorti f'dak l-istadju; sta ghall-appellanti, pero`, li jressqu l-appell kif trid il-ligi u fit-terminu stabbilit. Jekk huma, flok appellaw mill-ewwel, qaghdu jistennew il-permess mill-ewwel Qorti, imputat sibi jekk dik l-istennija kienet fatali ghall-appell taghhom.

It-termini ghall-appell huma ta' ordni pubbliku u ma tista' ssir ebda deroga minnhom; it-termini jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza u dan hu hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien. Fil-kawza **Zwack-Wandrey v. In-Sight Ltd** deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010, intqal hekk dwar in-natura tat-termini ghal appell:

"*Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi «l-*

*osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula» ("***Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila***", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara "***Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority***", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007;"*

(Sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-ilment dwar in-nullita` tal-appell, u wara li tiddikjara l-istess irritu u null ghaxipprezentat *fuori termini*, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni jithallsu mill-atturi appellanti in solidum.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------